**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 324/2016 CFF**

**Fl-atti ta' l-ittra ufficjali numru 2995/2016 ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta prezentata fit-30 ta' Novembru, 2016 fl-ismijiet:**

**Automated Revenue Management Services Limited**

**Vs**

**Joseph Farrugia**
**Daniel Farrugia**

**Illum 7 ta' Frar, 2019**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** ta' Daniel Farrugia fejn espona:

Illi l-esponenti qieghed jipprezenta dan ir-rikors ai termini tal-Artikolu 466(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jopponi l-pretensjoni tas-socjeta' mittenti fl-ittra ufficjali fuq imsemmija, u sabiex jigi dikjarat illi t-talba tas-socjeta' hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

1. Illi fl-ewwel lok, preliminarjament, in kwantu jirrigwarda l-intimat Joseph Farrugia (ID 133219(M)) dan huwa mejjet u ghalhekk l-istess ittra ma jista'

jkollha l-ebda effett fil-konfront tieghu. L-esponent, filwaqt li jirriserva li jressaq is-sottomissjonijiet tieghu wara li jara r-riferta relattiva, jissottometti preliminarjament illi l-imsemmija riferta, jekk hija pozittiva, hija ghalhekk nulla u bla effett, u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors ta' dawn il-proceduri.

2. Illi fit-tieni lok, u wkoll preliminarjament, it-talba tas-socjeta' mittenti hija preskritta ai termini fost ohrajn tal-Artikoli 2456(f) u/jew 2156(g) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi fit-tieni lok l-esponent m'huwiex il-legittimu kontradittur fil-proceduri odjerni.

4. Illi fit-tielet lok is-socjeta' mittenti trid tipprova illi l-esponent kien utent registrat tas-servizzi indikati fl-imsemmija ittra ufficjali.

5. Illi mill-bqija t-talba tas-socjeta' mittenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

6. Ghaldaqstant, l-esponent qieghed ghar-ragunijiet fuq premessi bil-qima jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-pretensjoni ghall-hlas kif mitlub mis-socjeta' mittenti fl-ittra ufficjali in kwistjoni hija infondata fil-fatt u fid-dritt;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' mittenti minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat **ir-risposta tal-Automated Revenue Management Services Limited** pro et noe fejn esponiet:

1. Illi fl-ewwel lok, l-esponenti ntavolat l-ittra ufficjali li tat bidu ghal din il-procedura f'isimha proprju u anke ghan-nom u in rapprezentanza tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u ghalhekk ghandha tigi ndikata bhala, "Automated Revenue Management Services Limited proprio, et nomine".

2. Illi hija ma gietx infurmata li l-imsemmi Joseph Farrugia miet, anzi minn informazzjoni li gabret, qabel ma pprezentat l-ittra ufficjali datata 30 ta' Novembru, 2016 li ggib in-numru 2995 tas-sena 2016 irrizulta li hu kien ghadu residenti f'numru 15, Triq San Gakbu, Siggiewi, u kien ghalhekk li hija ntavolat l-ittra ufficjali.

3. Illi dan il-kont ghadu sallum attiv u ghadhom johorgu kontijiet regolarment u ghalhekk zgur li l-ammont mitlub huwa dovut u ma huwiex preskritt.

4. Illi r-rikorrenti Daniel Farrugia sa mill-1997 kien ha r-responsabbilita' fuq dal-kont meta ffirma ftehim fuq l-istess, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-procedura u ghalhekk l-eccezzjoni tieghu li ma huwiex il-legittimu kontradittur ma tregix.

5. Illi ghaldaqstant u b'rizerva ghal kull prova ohra kif ikun mehtieg li tingieb, bil-permess ta' din il-Qorti, is-socjeta' esponenti pro et nomine:

   i. Titlob li din il-Qorti tordna li jigi korrett l-okkju, kif spjegat fuq, u
   ii. Titlob li din l-istess Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti bhala minghajr bazi fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara l-ittra ufficjali numru 2995/2016 pprezentata ai termini tal-Art. 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta bhala titolu ezekuttiv kontra r-rikorrenti u kontra l-kjamati, jekk l-istess jigu ordnati minn din il-Qorti jidhru bhala kjamati f'din il-procedura.

Ruben Bonnici jghid li kien hemm *agreement* iffirmat fin-1997 minn Daniel Farrugia ghan-nom ta' Joseph Farrugia fejn dahal responsabbli Daniel Farrugia. Mir-ricerki li ghamel, il-kont qieghed intestat fuq Joseph Farrugia.

Ruben Bonnici rega' xehed fit-3 t'Ottubru, 2017 u ddikjara li l-ahhar pagament sar fit-8 ta' Gunju, 2001 ta' Lm453.96.

Daniel Farrugia jghid li l-fond 15, Triq San Gakbu, Siggiewi kienet tiehu hsiebu ommu li llum tinsab mejta u din kienet ir-residenza ta' ommu u missieru, filwaqt li l-fond 12, Triq il-Fawwara, Siggiewi kien jintuza ghal bhejjem u dan il-fond kien jghajjat lil missier Daniel Farrugia. Inoltre jghid li wara li mietu ommu u missieru, sid dan il-fond hadet lura l-fond u bieghetu. Dan il-fond ilu xi tletin sena vojt. Jikkonferma li ma' dan il-fond, qatt ma kellu x'jaqsam.

Ruben Bonnici rega' xehed fid-9 ta' Jannar, 2018 jikkonferma li l-fond in kwistjoni huwa Triq il-Fawwara, Siggiewi izda n-numru kien inbidel maz-zmien, izda l-kont ta' dan il-fond kien jintbaghat gewwa Triq San Gakbu, Siggiewi. Jerga' jikkonferma li l-kont huwa indikat fuq Joseph Farrugia.

Ruben Bonnici rega' xehed fl-20 ta' Frar, 2018 fejn rega' kkonferma li l-kontijiet kienu jintbaghtu gewwa 15, Triq San Gakbu, Siggiewi liema kontijiet kienu jghajtu lil Joseph Farrugia.

Ikkunsidrat:

Primarjament ir-rikorrenti qieghed jghid li huwa m'ghandux ikun responsabbli ghal hlas ta' kontijiet li jsejhu lil missieru Joseph Farrugia li ilu li miet sa mis-sena 1989. Is-socjeta' intimata ipprezentat ftehim datat 23 ta' Gunju 1997 li jinsab a fol 17 tal-process li jghid li Daniel Farruia u cioe' r-rikorrenti qieghed jintrabat li ghan-nom ta' missieru Joseph Farrugia huwa jhallas il-kont ta' Lm306.72, ghalhekk dan il-ftehim qed jaghmel referenza ghal kont partikolari ta' data partikolari ghall-konsum tal-arlogg bir-referenza 900063990. L-ahhar pagament sar fit-8 ta' Gunju 2001 izda s-socjeta' intimata ma ggibx prova dwar min kien ghamel dak il-hlas.

Fil-fatt Daniel Farrugia, li huwa l-uniku rikorrenti fil-kawza stante li huwa intavola r-rikors promutur f'din il-kawza, jissemma' biss fid-dokument a fol 17 ga indikat. Madanakollu dan id-dokument imkien ma' jidher li Daniel Farrugia qieghed jassumi r-responsabbilita' ghall-kontijiet kollha li ha johorgu f'isem missieru, refa' r-

responsabbilita’ biss ghal wiehed, u fi kwalunwe kaz Joseph Farrugia kien ilu snin mejjet qabel ma’ sar dak il-ftehim.

Kien fl-interess tas-socjeta’ intimata li tara min huma l-werrieta ta’ Joseph Farrugia li fuqu ghadu jissejjah il-kont numru 900063990. Dan ghaliex kwantu ghal Daniel Farrugia jigi iben Joseph Farrugia m’hemm l-ebda prova li huwa l-eredi ta’ Joseph Farrugia allura anke hawnhekk il-Qorti zgur li ma tistax tikkundanna lil Daniel Farrugia jhallas kontijiet li jistghu jsejhu l-haddiehor u li ma assuma l-ebda responsabbilita’ ghalihom.

Fil-kawza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili nhar il- 21 ta’ Marzu 2002 fl-ismijiet ‘*Camel Brand Co Ltd vs Debono Michael’* fejn inghad li*:*

*“Meta negozju jkun gestit minn socjeta` b'responsabilita` limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha. Tali ndikazzjoni ghandha ssir ukoll fuq l-invoices, statements, etc. relatati ma' akkwisti maghmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali ndikazzjoni espressa t-terz ghandu kull dritt jipprezumi li qieghed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor. Normalment bniedem jikkontratta ghalih inniffsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx* ***espressament,*** *il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor*[1]*. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni.”*

Fil-fatt jirrizulta li Daniel Farrugia qatt ma indika espressament li huwa kien bi hsiebu jerfa’ r-responsabbilita’ tal-kont 90005770, izda iffirma darba fis-sena 1997 sabiex ihallas somma flus, u dik id-dikjarazzjoni ghamilha darba biss ghal ammont ta’ flus definiti u ma regax ghamilha.

[1] Emfazi ta’ din il-Qorti

Ghalhekk peress illi l-Qorti qed tilqa' it-tielet (3) u r-raba' (4) eccezzjoni kontenuti fir-rikors tar-rikorrenti Daniel Farrugia m'ghandiex ghalfejn telabora ulterjorment fuq l-eccezzjonijiet l-ohra migjuba quddiem din il-Qorti mill-istess rikorrenti.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda tilqa' it-tielet (3) u r-raba' (4) eccezzjoni tar-rikorrenti, tiddikjara li r-rikorrenti Daniel Farrugia ma hux il-legittimu kuntradittur u ghalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' intimata Automated Revenue Management Services Ltd.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**